Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M. 10819 – OMERS / APG / GROENDUS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 321/04)

1. Fis-17 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— OMERS Infrastructure European Holdings 2 B.V. ("OMERS Infrastructure", in-Netherlands), ikkontrollata minn OMERS Administration Corporation ("OMERS", il-Kanada),

— APG Asset Management N.V., ("APG", in-Netherlands), finalment ikkontrollata minn Stichting Pensioenfonds ABP ("ABP", in-Netherlands),

— Groendus Groep B.V. ("Groendus", in-Netherlands), ikkontrollata minn NPM Capital N.V. (in-Netherlands).

OMERS u APG jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Groendus kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— OMERS Infrastructure hija pjattaforma ta' investiment ikkontrollata minn OMERS li qed timmaniġġa portafoll diversifikat ta' investimenti fis-swieq pubbliċi, l-ekwità privata, l-infrastruttura u l-proprjetà immobbli fil-livell globali.

— APG hija kkontrollata minn ABP li qed tiġġestixxi portafoll diversifikat ta' investimenti fl-infrastruttura u l-proprjetà immobbli fil-livell globali.

— Groendus jipprovdi servizzi lil klijenti imprenditorjali fin-Netherlands biex jassistu fit-tranżizzjoni lejn konsum tal-enerġija sostenibbli. Servizzi speċifiċi jinkludu l-kiri, il-bejgħ, l-installazzjoni u l-manutenzjoni ta' arloġġi u pannelli solari, l-għoti ta' pariri, il-kejl tal-flussi tal-enerġija, u l-forniment ta' enerġija rinnovabbli, u l-EnergyMarketPlace (pjattaforma li tiffaċilita x-xiri u l-bejgħ ta' enerġija ekoloġika direttament mill-produtturi).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M. 10819 – OMERS / APG / GROENDUS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' ħawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË